Kunsill Lokali Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAT- TMIENJA U GĦOXRIN LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 14 ta' Awwissu 2013

**Ħin:** Mill-9.05am sat-12.05pm

**Preżenti:**

It-Tabib John Zammit Montebello
It-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Ħamsa u Għoxrin laqgħa tas-Seba' Kunsill.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tas-Sitta u Għoxrin u Seba' u Għoxrin laqgħa ta' nhar l-Erbgħa 26 ta' Lulju 2013 u l-Ħamis 1 ta' Awwissu 2013 rispettivament. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Kunsillier s- Sur D. Zammit Marmara xtaq jagħmel korrezzjoni fil-minuti tal-laqgħa urġenti li saret fl-1 ta'Awissu 2013 fejn f'*item* Nru 1 paġna 2 l-aħħar paragrafu jidħlu l-kliem " *fl-ittra mibgħuta minn Camray ma kien hemm ebda apoloġija lill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara*". Il-Kunsill approva.Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mis-Sur S. Gatt, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur G. Borg. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. Mill-Minuti**

Is-Segretarju poġġa fuq il-mejda kwotazzjonijiet mibgħuta minn kumpaniji fir –rigward ta' sorvelljanza permezz ta' CCTV cameras. Is- Sindku qal li l-problema l-kbira hi l-ispiza kapitali li trid tintefaq fejn il-fondi huma dejjem problema. Irridu naraw il-finanzi tal-Kunsill jippermettux dan u jekk hux vijabbli jew le s-sena d-dieħla. Minn hemhekk tittieħed deċiżjoni jekk inneħħux l-Bring In Sites jew le?

**Is- Sindku talab s-sospensjoni tal-kamra biex niltaqgħu mas- Sur Ray Camilleri, kuntrattur ta' Camray biex niddiskutu l-Proġett ta' Tisbieħ tal-Pjazza**

Is- Sindku beda biex qal li kif jaf kulħadd kien hemm ħafna dewmien fuq dan il-proġett u dan ġara għal ħafna raġunijiet fosthom ewlenin l-Elezzjoni Ġenerali, Festa tar-raħal u d-Dipartiment tas-Servizzi ta' l-

Ilma. Tlesta parti sostanzjali mill-proġett u għall-aħħar fażi tal-proġett minħabba li għaddejjin minn taħt l-art ħafna servizzi ta' entitajiet oħra, dan ix-xogħol jirrekjedi li ħafna minnu jsir bl-idejn u hekk jieħu aktar fit-tul. Issa kif jaf kullħadd peress li dan huwa xogħol relatat ma' finanzjament mill-Unjoni Ewropea, hemm deadline speċifika sa meta' irid jitlesta dan ix-xogħol li kien sa' l-aħħar ta' Ġunju. Il-Kunsill kien talab għal-estensjoni tal-proġett lill-PPCD fejn ġiet aċċettata sa' l-aħħar ta' Settembru. Definitivament dan il-proġett irid ikun komplut sa dik d-data.

Il-Kuntrattur ta spjegazzjoni tar-raġuni ta' dan id-dewmien fejn fosthom kien ġie mitlub mid-Dipartiment tas- Servizzi ta' l-Ilma biex jinbidlu żewġ mainijiet kbar li qed jissuplixxu lill-Isptar Mater Dei u l-Hamrun. Sab ukoll diffikulta' kbira fid-Dipartimenti tal-Gvern konċernati b'ħafna burokrazijia żejda.

Il-Kunsillier D. Zammit Marmara' qal li l-problema hi ta' kif qed isir x-xogħol b'mod ħafna kajman fejn ta' kuljum n-negozji li hemm f'dawk l-inħawi qed ibgħatu min dan id-dewmien u qed jitilfu l-flus.

Is- Sindku qal li irridu naċċettaw l-fatt li 'l-problemi fuq dan il-proġett jeżistu pero' irridu lkoll flimkien insibu soluzzjoni għal dawn il-problemi.

Il-Viċi Sindku huwa ukoll ta' l-istess fehma. Huwa inutli li nitkellmu fuq il-passat. Irridu nħasu 'l-quddiem u nsibu soluzzjoni.

Is- Sur Camilleri jaħseb li parti minn din il-problema kienet li ma' għalaqx l-area kollha skond il-permess ta' Transport Malta u dan għamlu biex titnaqqas l-inkonvenjenza għal min ries imur jixtri mill-ħwienet ta' dawk n-naħat.

Is- Sindku qal li hu zgur hu li sal-15 ta' Settembru 2013, il-Kunsill irid ikollu f'idejħ il-fatturi kollha tax-xogħolijiet li jkunu saru biex sa' l-aħħar ta' Settembru, il-proġett ikun komplut. Estensjoni oħra m'hix ser tingħata mill-PPCD fuq dan il-proġett. Huwa saqsa mistosija lill-Kuntrattur fuq il-posizzjoni tiegħu f'dan ir-rigward u kif ser insibu soluzzjoni.

Il-Kuntrattur ikkonferma li x-xogħolijiet pendenti ser jitlestew sad-data' stabbilita' li hija l-aħħar ta' Settembru 2013. Huwa ta spjegazzjoni lill-kunsill ta' kif ser jitkomplew x-xogħolijiet.

**Is- Sindku talab li jiġi diskuss *Item nru 8* fuq l-Agenda "Korrispondenza'' qabel tinstema' l-mozzjoni nru 48 (*item 3*) tas- Sur S. Gatt għar-raġuni li hemm korrispondenza relatata ma' din il-mozzjoni u li tista' twassal biex tinstab soluzzjoni fuq din il-kwistjoni. Il-Kunsill approva**

## 8. <u>Korrispondenza</u>

**Ittra Nru 3103/13:** Oġġezzjoni mill-Kunsillier D. Zammit Marmara' fuq din il-mozzjoni mressqa mill-Kunsillier S. Gatt.

Ittra Nru 3104/13: Oġġezzjoni mill-Kunsillier D. Zammit Marmara' li tiġi diskussa l-mozzjoni.

Ittra Nru 3119/13: Talba mill-Kunsillier D. Zammit Marmara' li skond l-Standing Orders Section 12(o), il-Kunsillier S. Gatt għandu jiddikjara jekk għandux kunflitt ta' interess f'din il-mozzjoni

Ittra Nru 3124/13: Email mingħand il-Kunsillier D. Zammit Marmara' rigward il-laqgħa kordjali li kellu mal-Kappillan tal-Parroċċa.

Ittra Nru 3095/13: Direzzjoni uffiċċjali mingħand d- Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex nieħdu parir legali mingħand l-Avukata tal-Kunsill fuq iz-zuntier tal-Knisja.

Sadanittant waslet r-risposta mingħand l-avukata fejn il-Kunsill jista' jasal biex jintlaħaq ftiehem mal-

Parroċċa peress li l-liġi tal-Kunsilli tippermetti dan skond Section 33 (z).

Is- Sindku rrimarka li kullħadd jaf fuq il-problema taz-zuntier tal-knisja fejn saritila ħsara u l-periklu li kien hemm għar-residenti u li kien għalhekk li z-zuntier tneħħa mill-ħaddiema tal-Kunsill. Il-Kunsill fl-ebda ħin ma kellu obbligazjoni legali li jidħol għal dawn x-xogħolijiet. Fuq dawn ż-żewġ temi hemm direzzjoni ċara. Issa hemm kwistjoni oħra ta' jekk bħala Kunsill għandniex iva jew le nagħmlu tajjeb għal dawn x-xogħolijiet ta'restawr.

Bħala parti mit-tisbieħ tal-pjazza u bħala sens ċiviku, il-Kunsill għanddu jkun involut f'dawn x-xogħolijiet? Jekk iva, taħt liema kappa ser issir din? Huwa kien diġa tkellem mas-Segretarju Eżekuttiv fejn qed nippruvaw naraw l-possibilita' li dan r-restawr jifforma parti mill-Proġett ERDF 205. Jekk r-risposta tkun posittiva allura l-kwistjoni tiġi solvuta u l-kuntrattur preżenti ikun jista' jagħmel dan ir-restawr. Jekk tkun le, huwa kien jissuġerixxi dejjem jekk il-Kunsill jaqbel li x-xogħolijiet isiru xorta bi spejjeż tal-Kunsill. B'hekk din il-kwistjoni tkun tista' tingħalaq bl-approvazzjoni ta' kullħadd dejjem jekk il-Kunsillier S. Gatt jirtira l-mozżjoni mressqa.

Il-Kunsillier D. Zammit Marmara' qal li l-iskop kollu hu, li jitranġa dan iz-zuntier pero' bħala Kunsill ma' nistgħux li kull darba li jsiru xi xogħolijit mill-Kunsill u tin qala' ħsara, l-Kunsill jagħmel tajjeb kif speċifikata f'din il-mozzjoni.

Is- Sindlu qal li huwa soluzzjonijiet irid u jekk naqblu kollha u s- Sur S. Gatt jirtira l- mozzjoni juwa kien qed jipproponi li l-Kunsill jieħu vot fuq dak li għadu kemm qal.

Hawnhekk il-Kunsillier D. Zammit Marmara' qal li huwa favur li z-zuntier isir kif qed jissuġerixxi s-Sindku u li qatt ma kellu oġġezzjoni li jsir z-zuntier basta l-Kunsill ma jintrabatx li jrid jagħmel tajjeb għal- ħsarat li jsiru minn terzi persuni meta' jkun hemm proġett tal-Kunsill u la darba d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali qal li mhux qed jinkisru l-ebda liġijiet jew regoli huwa ma jsib ebda oġġezzjoni li dan ix-xogħol isir.

Il-Kunsillier S. Gatt xtaq jikkumenta li fil-mozzjoni qed jgħid li jekk hu possibbli isir x-xogħol. Fl-ebda ħin ma kien qed jgħid li l-Kunsill għandu jintrabat biex isiru x-xogħolijiet meħtieġa.

Is- Sindku kompla jinsisti li f'dan l-istadju għandu jittieħed vot fuq dak li ppropona u li hija proposta amministrattiva.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri l-oħra li rċevejna u qabel li jkompli jsegwi l-interessi tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

## 3. <u>Mozzjoni Nru 48 mressqa mill-Kunsillier s- Sur Stephen Gatt fuq z-Zuntier tal-Knisja</u>

*"After making research on what other Councils acted on this subject, I managed to find several actions taken by different Councils.*

*If possible in future, any diversions by the local council, due to works carried out in the vicinity, action will be taken by the Council to correct any damages.*

*Therefore I am forwarding these documents for further study to enable us Councillors to come out with a solution that makes us, and the citizens proud of belonging to Ħal Balzan"*

Minħabba d-deċiżjoni li ttieħdet mill-Kunsill fejn unanimament approva li jsiru dawn ix-xogħolijiet fuq z-zuntier tal-Knisja, il-Kunsillier s- Sur S. Gatt kien qed jirtira din il-mozzjoni.

Huwa xtaq jippreċiza, fid-dawl tat-talba li l-Kunsillier D. Zammit Marmara' għamel fejn kien kien qed jitlob lis- Sur Gatt jiddikjara jekk għandux kunflitt ta' interess f'din il-mozzjoni, li huwa ma għandu l-ebda konnessjoni mal-Parroċċa u xhieda ta' dan hija ittra mingħand il-Kappillan tal-Parroċċa u li kien qed

ipoġġi fuq il-mejda tal-kamra fejn il-Kappillan idikkjara li s- Sur S. Gatt ma għandu ebda konnessjoni mal-Parroċċa.

## 4. Uffiċċju tal-Kunsill- Sitwazzjoni Preżenti

Is- Sindku informa lill-Kunsill li l-entitajiet li joperaw minn dan il-fond urew x-xewqa li jsir sforz konġunt biex jinstab post alternattiv. L-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kitbet li ser issib post alternattiv għaliha.

Il-Ministeru tal-Politika Soċjali u Familja indikaw li qed isiru xi taħditiet mal-Kunvent tal Bon Pastur minn fejn ikun jistgħu jaħdmu u għalhekk talab lis- Segretarju biex jidħol aktar fid-dettal ta' dak li qed jiġi diskuss u jara x'possibilitajiet hemm għal Kunsill.

Sadanittant is- Sindku semma' li l-Maltapost infurmawna li permezz ta' Avviż Legali 254.09, din l-entita' ngħatatilha l-privileġġ li jibqaw joperaw minn dan il-fond sas-sena 2016, Għalhekk talab lis- Segretarju li fl-isfond ta'dan l-avviż jikteb lill-Awtorita' tad-Djar biex jara' l-possibilita' li l-Kunsill jinnegozja magħha biex jittawwal ż-żmien ta' permanenza.

Is- Sindku qal li issa li għandu l-konferma ta' l-entitajiet kollha ser jitlob li ssir laqgħa mas- Segretarju Parlamentari għal- Kultura u Kunsilli Lokali biex jiddiskuti din il-problema.

**Is- Sindku talab li jiġi diskuss *item nru 11* minħabba li hemm xi ħlasijiet pendenti u tiġi aġġornata l-laqgħa għaliex skond *l-istanding orders* tal-Kunsill, laqgħa ma tistax iddum aktar minn tlett siegħat. Il-Kunsill approva.**

## 5. Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' Petty Cash

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data ta' l-14 ta' Awwissu 2013 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 1981.44.

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier is-Sur D. Zammit Marmara' li kien issekondat mill-Viċi Sindku is-Sur J. Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 21 ta' Awwissu 2013 fid-9am.

____________________
**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

____________________
**Mark Mallia**
Segretarju Eżekuttiv

____________________
Data